MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2007

Numru. 757/2000

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
EDWARD AZZOPARDI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Edward Azzopardi, ta’ 28 sena, bin Spiridione u Antoinette nee’ Custo, imwieled Santa Venera fil-21 ta’ Settembru 1972, u residenti 224, Cannon Road, Santa Venera, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 450572(M), u akkuzat ukoll talli nhar is-17 t’Ottubru 2000, fi Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera, ghal habta tad-8.50hrs, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Local Warden 021 – William Saliba, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi, jew ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza jew hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra l-Local Warden 021 William Saliba, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li din il-persuna kienet tagixxi esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat oltre talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, aggredixxa jew irrezista bi vjolenza lill-Gwardjan Lokali 021 William Saliba, fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu taht l-Att Numru XIII tal-1996 – Private Guards and Local Wardens Act 1996, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 19(1)(2).

U aktar talli rrenda ruhu recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), diversament preseduti, datati 20 ta’ Gunju 1996 u 16 ta’ Jannar 1998, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol 3) u ta’ l-imputat (a fol 10), sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta (ara xhieda ta’ PS 768 S. Brincat fol 20 et seq.) illi Warden William Saliba ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Fir-rapport intqal illi waqt li l-warden kien qed jaghti citazzjoni fuq vettura FAW 587 fi Triq Antonio Mizzi, Santa Venera, l-imputat hebb ghalih u mbuttah, qabadlu r-radio u kien ser jitfghu mal-art. Imbahgad l-istess persuna qabad lil Warden Saliba mill-qmis – dahal fil-karozza u pprova jsuq

ghal fuq il-warden. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija jirrizulta illi l-vettura kienet qed tintuza mill-imputat.

Gew ezebiti sentenza CE a fol 27 et seq. u SG a fol 29 et seq. u saret il-prova tal-identita' a fol 31 u 32.

William Saliba a fol 33 ikkonferma d-dettalji kollha tar-rapport tieghu kif irrizulta mix-xhieda ta' PS 768, gharaf lill-imputat bhala l-persuna li aggredih, qabdu mill-qmis u attenta li jtih daqqa ta' ponn f'ghonqu izda fl-ahhar sekonda d-daqqa ttrasferiha ghal fuq is-saqaf tal-karozza in kwestjoni. Warden Saliba kkonferma li l-imputat dahal fil-karozza u saq bi speed – "ghadda sbrixx minn mieghi" (ara fol 34). Warden Saliba kkonferma li l-imputat "beda' jghajjat u jidghi u qabadni minn ghonqi u kien ha jaghtihieli pero ma taghnix din id-daqqa".

L-imputat Azzopardi a fol 67 et seq. xhed li hu ma kellux problemi mal-warden u xhed li ma jiftakarx li qatt kellem lil warden ikkoncernat.

Fix-xhieda tal-warden William Saliba, imressaq mid-difiza, William Saliba ddikjara li kien ghadda wisq zmien biex jidentifika lill-imputat, izda kkonferma li kien gharfu fil-Qorti f'seduta precedenti meta ta t-testimonjanza tieghu.

Ikkonsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta f'dan il-kaz jirrizulta ppruvat sal-livell probatorju rikjest fil-kamp kriminali u cioe' minghajr dubbju dettat mir-raguni, illi l-imputat aggredixxa lil Warden Saliba sempliciment ghaliex dan kien qieghed jaghmel id-dover tieghu billi hareg ticket fuq il-vettura tal-imputat li kienet ipparkjata in vjolazzjoni tar-regolamenti.

Illi mhux hekk biss, izda l-imputat beda jghajjat, jidghi, qabad lil warden minn ghonqu, kien ser jaghtih daqqa ta' ponn, ittrasferixxa din id-daqqa fl-ahhar moment ghal daqqa fuq is-saqaf tal-karozza.

Illi minn hemm dahal fil-karozza u saq ghal fuq il-kwerelanti Saliba.

Illi dan l-istat ta’ fatt mhux kontradett minn hadd il-ghaliex l-imputat sempliciment xhed li ma jiftakarx li qatt kellem lil Warden Saliba.

Illi di piu’ l-Qorti rat is-sentenzi mghoddija fil-konfront tal-imputat Dok CE u SG debitament ikkonfermati mill-Ispetturi Prosekuturi li gharfu lill-imputat, liema zewg sentenzi jikkoncernaw offizi simili fuq ufficjali pubblici nkluzi membri tal-pulizija.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni akkuza u t-tielet akkuza assorbita ghal fini ta’ piena, mhux hat ital-ewwel akkuza li minnha tilliberah stante s-sejbin ta’ htija fuq it-tieni akkuza aktar gravi, hati tar-raba’ akkuza, u wara li rat l-Artikoli 96, 49, 50 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 19(1)(2) ta’ l-Att XIII ta’ 1996, tikkundannah ghal erba’ xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat l-import u l-konsegwenzi ta’ sentenza sospiza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------